MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 514/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius** **V**

**ANTONIO BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTONIO BORG** ta' sitta w hamsin sena bin il-mejjet Nikola u l-mejta Carmen nee Vella, imwieled s-Siggiewi nhar t-tletin ta' Lulju 1946 u residenti 2, Triq Giuseppi D'Arena, Qrendi, detentur tal-karta tal-identita numru 661146M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Gunju 2003 u f'xi data fis-sentejn ta' qabel din id-data, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ikkommetta serq ta' oggetti ghad-dannu tal-kumpanija Air Malta plc liema serq huwa kkwalifikat il-persuna;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datata tnax ta' Gunju 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Luljuj 2003 **xehed l-Ispettur Jason Agius** fejn qal li nhar l-erbgha ta' Gunju 2003 ghall-habta tal-hamsa neqsin ghaxar ta' wara nofsinhar il-Pulizija stazzjonata l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kienet giet infurmata mill-kamra tal-Kontroll tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu fil-vicinanzi tal-parking tal-coaches u talbu l-assistenza tal-Pulizija. Irrizulta li skond ma qal il-Maggur Ivan M. Consiglio lil Pulizija huwa kien ghadu kif nnota ragel isuq coach proprjeta ta' Air Malta bin-numru ta' registrazzjoni AMG 043 u jinzel minnha b'oggett f'idu qisha bagalja mgezwra go xi haga blu u hbiha wara sigra fil-vicinanzi.

Dan il-Maggur Ivan M. Consiglio qallu wkoll li dak il-hin ra ragel irqieq b'xaghru sewda hierga minn wara din l-istess sigra u telaq jigri fid-direzzzjoni tal-bus stop li hemm fil-main road u qabad tal-linja.

Saret tftittxija mill-Pulizija w instab jerrycan ta' kulur iswed bil-petrol go fiha mgezwra f'kutra blu. Din giet misjuba minn Gunner Ian Scerri.

Il-Pulizija fuq dan r-rapport kompliet bl-investigazzjoni taghha w irrizultalha li x-xufier ta' dan il-coach kien certu Antonio Borg. Il-valur tal-petrol li nstab skond ma qal Alphonse Cauchi lil Ispettur Jason Agius, kien jammonta ghal tmien liri u disghin centezmu filwaqt li l-kutra tiswa zewg liri.

Il-Maggur Ivan M. Consiglio ghalkemm f'hin minnhom jghid li mar jiccekkja l-oggett x'kien, aktar tard fl-istess xhieda tieghu tat-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003, jghid li ma setghax josserva l-oggett x'kien u lanqas ma gembu ma dahal.

Huwa kkonferma li vicin l-oggett ra ragel liebes pajzan hiereg ghal fuq triq pubblika u jirkeb karozza tal-linja mill-bus stop f'hemmhekk. Din il-persuna ma kellha xejn f'idejha. Huwa jghid li boghod mill-imputat kien bejn hamsin u sebghin metru ghalkemm kien mohbi.

**Anthony Scicluna** manager tal-Air Malta, **jghid** meta xehed fit-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003, li fl-istores tal-Air Malta hemm sebgha jerrycans bhal dik esibit l-Qorti u fl-ebda hin ma ndika li sab xi wahda nieqsa minnhom.

**David Kitney** il-persuna responsabbli ghat-tqassim tal-petrol u diesel **xehed** nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Lulju 2003 fejn qal li l-petrol unleaded ma jqassmux huwa. Huwa esibixxa d-dokument CSH 7 li jindika l-petrol li tqassam fil-granet tat-tlieta, l-erbgha u l-hamsa ta' Gunju 2003 u ghal liema valur inhareg. Huwa stqarr li l-petrol jitqassam biss ghal zewg conveyor belts u biex jittiehed il-petrol minn go fihom iridu jinkisru l-katnazzi. Huwa stqarr li nhar t-tlieta ta' Gunju 2003 kien certu Pawlu Mamo li ha pterol. Fl-erbgha ta' Gunju 2003 ma tqassamx u fil-hamsa ta' Gunju 2003 gie mehud minn Joseph Agius. Sussegwentement dawn Joseph Agius u Pawlu Mamo jqassmuh lil xi impjegati ohra.

**L-Ispizjar Mario Mifsud xehed** nhar t-tnax ta' Settembru 2003 fejn spjiega li l-likwidu li huwa ezamina mill-kontenitur kien unleaded. Mistoqsi kif l-unleaded petrol isir leaded, l-espert spjiega li jekk il-petrol unleaded jara d-

dawl isir leaded. Fil-fatt il-pompi tal-petrol li ghandhom il-petrol leaded jkollhom il-bozza sewda biex jaqta d-dawl ghar-reazzjoni. Huwa ma kienx f'posizzjoni li jghid x'kienet is-sustanza originali tal-kontenitur li ezamina.

**Philip Borg** li huwa assistant manager fil-petroling division tal-Enemalta **xehed** nhar t-tnax ta' Settembru 2003 fejn qal li l-pompa tal-Ajruport tiehu pterol LRP u mhux unleaded.

**Paul Mamo xehed** nhar t-tnax ta' Settembru 2003 fejn qal li huwa issuplixxa l-petrol liz-zewg conveyor belts numru 32 li ha disgha w erbghin litru u lin-numru 33 li ha wiehed u erbghin litru. Minn mela dawn il-conveyor belts pero ma jafx ghaliex ma kienx presenti.

Mistoqsi jekk kellux xi complaint illi kien hekk xi petrol nieqes ix-xhud wiegheb fin-negattiv.

**Joseph Agius xehed** nhar l-hamsa ta' Gunju 2003 fejn qal li z-zewg conveyor belts numru 32 ha hamsa w ghoxrin litru filwaqt li dak bin-numru 33 ha hamsa w hamsin litru. Mistoqsi jekk kienx jaf il-consumption ta' dan il-conveyor belt huwa wiegeb fin-negattiv u dan ghaliex hu jahdem hemmhekk darba kull sitt gimghat.

**Ian Scerri**, suldat mal-Air Malta **xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003 fejn qal li kien hu li sab il-jerrycan u li l-Maggur Ivan M. Consiglio ma marx jfittixha u lanqas ma kien mieghu meta sabha.

Illi l-imputat ma xehedx ghalkemm irrilaxxja zewg stqarrijiet wahda nhar l-erbgha ta' Gunju 2003 u l-ohra nhar l-hamsa ta' Gunju 2003 liema zewg stqarrijiet jinsabu esibiti fl-atti markati bhala dokumenti CSH 3 u CSH 4.

Illi minn ezami ta' l-istqarrija dokument CSH 4 jirrizulta li l-imputat dakinhar tal-hamsa ta' Gunju 2003 verament kien qed isuq il-coach numru AMG 0037 bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar u l-hamsa ta' wara nofsinhar. Huwa jispjiega li ghal habta tal-erbgha w ghaxra ta' wara nofsinhar, huwa ghabba hames passiggieri li kienu nizlu minn xi helicopter.

Huwa minnu wkoll li saq hdejn il-parking area tal-Ajruport nternazzjonali ta' Malta sabiex jeccekkja il-mutur tieghu tal-ghamla Honda 70 li kien ipparkjat 'l barra. Huwa cahd li f'idejh kellu xi haga. Qal li ra ragel ieqieq jitlaq jigri minn fuq il-post u qajjimlu suspett u ghalhekk mar jiccekkja l-vicinanzi sabiex jara jekk kienx hemm xi haga abnormali, izda kolloix deher normali u ghalhekk telaq minn fuq il-post.

Illi minn imkien ma jirrizulta li gie rappuratat xi serq ta' petrol jew jerrycan jew kutra lil Air Malta u ghalhekk zgur li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova s-serq effettiv. Lanqas ma gie ppruvat li l-petrol li nstab fil-jerrycan ittiehed mill-Air Malta, anzi jirrizulta dubbju jekk il-likwidu li kien hemm gol-kontenitur kienx unleaded waqt li l-Air Malta tipprovdi LRP Petrol. Lanqas ma jirrizulta li l-opggett li nstab kien effettivament gej minn xi haga att kriminali.

Illi kemm l-Maggur Ivan M. Consiglio kif wkoll l-imputat jghidu li kien hemm persuna li telqet tigri minn fuq il-post meta induna bihom u ghalhekk tali cirkostanzi jikkrejaw dubbju f'mohh il-gudikant.

**Illi fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma hiex konvinta li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-kaz taghha sal grad rikjest mill-ligi u konsegwentement wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(a), 268 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat ANTONIO BORG hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------